MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 205/2015

**F S B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tal-14 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu talbet li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-konvenut li taqra' kif gej:-

1. “Illi huwa minnu li m' hemmx tama li l-partijiet jirrikonciljaw.

2. Illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba snin legalment separati u ma jghixux flimkien.

3. Illi huwa jhallas il-manteniment ghall-martu u ghat-tfal izda b'abbuz sfaccat il-mara qed tiehu l-manteniment ghaliha minghandu meta hi qeda u ilha f'relazzjoni ma' ragel iehor, liema manteniment jinqata direttament mill-paga tieghu. Nonostante li giet interpellata sabiex ma tkompliex tezigi il-manteniment ghaliha, hi mhux qed taccetta li dan ma jithallasx lilha.

4. Illi hija ghandha tirrinunzja ghall-manteniment taghha jekk mhux qed taccetta li iddekadiet minn dan id-dritt li tircievi l-manteniment ghaliha.

5. Illi huwa ma jopponiex ghat-talba tal-hall taz-zwieg izda bir-rispett kollu l-ispejjez ghandhom jithallsu minnha stante li hi trid il-hall taz-zwieg.

6. Illi hi ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha Bugeja u ma tibqax izzomm kunjom zewgha.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Settembru 1993, u minn dan iz-zwieg kellhom tliet itfal li tnejn minnhom ghadhom minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Abela fit-22 ta' April 2010 u sussegwentement ghamlu kuntratt ta' korrezzjoni ippubblikat min-Nutar Reuben Debono fit-3 ta' Dicembru 2014;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

**Eccezzjonijiet tal-Konvenut**.

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut li l-attrici ghandha tirrinunzja ghall-manteniment pattwit fuq kuntratt ta' separazzjoni konsenswali minhabba allegat adulterju, il-Qorti tikkonsidra tali eccezzjoni bhala irrilevanti ghall-kawza odjerna. F'rikors ghall-pronunzjament ta' divorzju in segwitu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali il-Qorti hi prekluza milli tikkonsidra tortijiet tal-partijiet. L-eccezzjonijiet li jistghu jitressqu huma ftit.

Artikolu 66 D tal-Kap. 16 jipprovdi kif gej:

"66D. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għaddivorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.

(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel ittalba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Ilparti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset ilmanteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem filkuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il- ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għaddivorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba."

Ghalhekk l-eccezzjoni dwar l-allegat adulterju qed tigi michuda.

Fir-rigward tal-eccezzjoni ossia talba tal-konvenut sabiex l-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, issier referenza gahll-Artikolu 62 tal-Kap. 16 li jipprovdi hekk:

"62. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 4(4), il-mara tista' wara s-separazzjoni tagħżel li tirreverti għal kunjom xbubitha jew għal kunjom żewġha li jkun miet qabilha. F'każ ta' separazzjoni konsenswali, għandha ssir dikjarazzjoni dwar dik lgħażla fl-att pubbliku ta' separazzjoni, u f'każ ta' separazzjoni ġudizzjarja, il-mara għandha tagħmel dik id-dikjarazzjoni b'nota ppreżentata fl-atti tal-kawża qabel is-sentenza.

(2) Il-qorti tista' wkoll, fuq talba tar-raġel, li tista' ssir f'kull żmien qabel is-sentenza, tipprojbixxi lill-mara milli tkompli tuża kunjom żewġha wara s-separazzjoni, meta dak l-użu jista' jkun ta' preġudizzju gravi lir-raġel."

Il-konvenut ma ta ebda raguni fir-risposta tieghu ghaliex qed jitlob li l-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha. L-Artikolu 62 appena citat jipprovdi illi sabiex mara mizzewga titlef, kontra l-volonta' taghha, kunjom zewgha wara li minnu tiddivorzja, jehtieg li r-ragel jipprova sodisfacentement is-segwenti:-

(a) illi jekk il-mara tkompli iggor kunjomu huwa jkun ser ibati pregudizzju; u

(b) li tali pregudizzju jrid ikun "gravi".

Il-konvenut la allega u wisq anqas ressaq provi li kien ser ibati xi pregudizzju gravi jekk l-attrici tkompli iggor il-kunjom taz-zwieg. Ghalhekk it-talba tal-konvenut qed tigi respinta.

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut li l-attrici ghandha tbati l-ispejjez kollha ta' din il-kawza, il-Qorti hi tal-fehma illi f'kawza ta' divorzju fejn ma jirrizultawx eccezzjonijiet fondati, l-ispejjez m'ghandux ibatihom kollha min jistitwixxi l-kawza anke ghaliex il-hall taz-zwieg jiswa ghaz-zewg partijiet u mhux biss ghal min ikun talbu.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, prevja li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------